# IL-KAPPILLAN PATRI FELIC GRIMA (1873 – 1944)

## Ħaddiem Ħabrieki fil-Parroċċa Tagħna

Il-Patrijiet Franġiskani Minuri ilhom jaħdmu fostna s-Slimiżi sa minn Novembru 1881. Mill-jum li fih ġew fostna sa llum għaddew 'il fuq minn 104 snin. Fost il-Patrijiet li ġew assenjati għall-kunventi ta' tas-Sliema, niltaqgħu ma' Patri Felic Grima O.F.M. minn B'Kara.

Patri Felic twieled f'B'Kara(1) fit-18 ta' Frar 1873. Daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri fid-9 ta' Settembru 1888, u ġie ordnat Saċerdot fit-23 ta' Ġunju 1895.(2) Kien għadu saċerdot żagħżugħ meta mar it-Tripolitanja fejn wettaq il-ġid. Fil-Provinċja Maltija tal-Patrijiet Minuri, kien għal xi żmien lettur tat-Teoloġija Morali, diversi drabi gwardjan u Definitur ukoll. Bħala Predikatur kien imfittex ħafna u fil-bidu tal-predikazzjoni tiegħu ġie msejjaħ biex jagħmel il-Kwareżimal fil-Katidral ta' Għawdex.(3)

**GWARDJAN F'TAS-SLIEMA:** F'Novembru ta' l-1907, Patri Felic ġie maħtur Gwardjan tal-Kunvent ta' tas-Sliema. Huwa ġie kkonfermat f'din il-kariga f'April ta' l-1914 u baqa' fiha sa l-1918.(4) Kien f'dan iż-żmien li fl-1911 bdiet issir il-purċissjoni bil-vara tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù nhar il-Festa Titulari.(5)

Fil-kapitlu Provinċjali ta' l-1921, Patri Feliċ ġie maħtur bħala wieħed mid-Definituri(6) u f'Ottubru tas-sena ta' wara (1922) reġa' ġie maħtur Gwardjan tal-Kunvent ta' tas-Sliema u baqa' f'din il-kariga sa l-1927.(7) Kien f'dan il-perjodu li bit-tħabrik tiegħu saru żewġ opri kbar li għadna ngawduhom sa llum. Fl-1923 saret ir-raġġiera tal-vara titulari, xogħol ta' l-arġentier Slimiż Ġużeppi Madiona, u fis-sena ta' wara żżanżan is-Salib tal-kleru, xogħol ieħor ta' l-istess arġentier. Iż-żewġ opri saru biż-żelu ta' Patri Feliċ.(8)

Fil-Kapitlu Provinċjali li sar fil-25 ta' Marzu 1927, Patri Feliċ reġa' ġie maħtur bħala wieħed mid-definituri u din il-kariga reġgħet ingħatat lilu fil-Kapitlu Provinċjali li sar f'April ta' l-1930.(9)

**KAPPILLAN F'TAS-SLIEMA:** Fl-1930, Patri Felic ġie maħtur kappillan tal-parroċċa sa l-1936. Mill-"Annuario della Diocesi di Malta" Anno I, 1932, nieħdu ideja tal-parroċċa fi żmienu. In-numru ta' parruċċani kien ta' 10,600 ruħ, u bħala Viċi-Parroċi, Patri Felic kellu lill-Patri Ġakkin Demicoli O.F.M. u lill-Patri Gejtan Cachia O.F.M., u kien hemm ukoll fil-komunità patrijiet oħra. Fil-parroċċa kien hemm imwaqqfa l-Fratellanza tas-Sagrament, il-Pija Unjoni tal-Qalb ta' Ġesù, it-Terz Ordni Franġiskan u l-Għaqda Żgħażagħ Antonjani.(11)

Fiż-żmien li Patri Felic kien kappillan sar ħafna xogħol fil-knisja. Inbniet il-koppla, il-knisja ġiet imkabbra billi mbnew żewġ kappelli oħra u

nbniet il-faċċata preżenti. Dan ix-xogħol tlesta fl-1936[12] u Patri Felic ħabrek biex jinġabru l-fondi meħtieġa.[13]



Patri Felic Grima O.F.M. Kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor – Sliema (1930 – 1936).

**XOGĦOL PASTORALI U ĦABIB TAL-FQAR:** Iżda Patri Felic minbħarra li ħabrek biex titkabbar id-dar t'Alla u biex isiru xi opri, wettaq ukoll fostna ħafna xogħol pastorali. F'tas-Sliema huwa wettaq il-Ministeru Pastorali bil-Predikazzjoni, fil-konfessinarju u bl-ispjega tal-Katekiżmu, kull nhar ta' Ħadd wara l-Għasar.[14]

Fi żmien li kien Kappillan (permezz ta' ittra Pastorali b'digriet tal-Kurja) tat-23 ta' Diċembru 1931, kien twaqqaf il-Kumitat "Pro Pauperibus" (għall-foqra) f'kull parroċċa u bħala kappillan, Patri Felic kien il-President ta' dan il-kumitat, li fih minn barra l-kappillan kellu jkun hemm żewġ membri oħra magħżula minnu. Dan il-Kumitat kellu jiġbor il-flus u jqassamhm lill-foqra tal-parroċċa. F'dan ix-xogħol fil-bidu tat-tletinijiet Patri Felic sieħeb miegħu lis-Sinjuri A. Herrera u Emilio Lombardi.[15]

Patri Feliċ kien ukoll jgħin lix-xebbiet foqra li ma jkollhomx doti. F'każijiet bħal dawn kien jibgħathom għand il-ħanut ta' "Ġammari", fi Triq il-Prinċep ta' Wales (illum Manwel Dimech) biex jagħtihom b'£20 affarijiet tad-dota, u għall-ħlas kien jaħseb hu.[16]

**MILL-ĠDID GWARDJAN:** F'Awissu ta' l-1936 reġa' ġie maħtur Gwardjan tal-kunvent ta' tas-Sliema, kariga li fiha dam sa-sena ta' wara (1937).[17] Fis-snin ta' qabel il-gwerra ħabrek biex sar il-Kanopew ta' fuq l-altar maġġur.[18]

Meta bdiet il-gwerra, Patri Felic baqa' fil-kunvent ta' tas-Sliema, imma meta l-ħbit mill-ajru beda jiqliel, wara insistenza tas-Superjuri tiegħu, kellu kontra qalbu jmur fil-kunvent ta' Għajnsielem, Għawdex.[19]

Huwa miet fl-Isptar tal-"Blue Sisters" f'San Ġiljan nhar it-12 ta' Frar 1944, wara marda twila li ġarrab bl-akbar sabar nisrani.[20]

1. Tagħrif mogħti lili minn Patri Ranjeru Zammit O.F.M. Cap.
2. Tagħrif mogħti lili minn Patri Ġorġ Aquilina O.F.M. 25.IV.1986.
3. *Leħen is-Sewwa* 26 – 11 – 1944, *Anġlu tal-Paċi* 1964, pġ. 85.
4. M. Catania *"Is-Sacro Cuor"* Sliema, 1968, pġ. 74.
5. Ara l-gazzetta *"Malta"* 4 – VII – 1911.
6. Piccola Cronaca della Parrochia di Nostra Signora de Sacro Cuore dalla Sua Erezione, pġ. 28.
7. M. Catania, op. at, pġ. 74.
8. Ġar-raġġiera ara *"The Daily Malta Chronicle"* 13 – VI – 1923, u Malta Tagħna 23 – VI – 1923. Għas-salib ara Malta Tagħna 12 ta' Lulju 1924. L-Anġlu tal-Paċi Settembru 1934 jgħidilna li dawn iż-żewġ opri saru bit-tħabrik tal-Gwardjan Patri Felic Grima, u jgħid li nħadmu minn Ġużeppi Madiona, iżda jagħti dati differenti meta saru, għax tgħid li s-Salib sar fl-1925, u r-Raġġiera fl-1926. Jidher li d-dati mogħtija fl-*Anġlu tal-Paċi* huma żbaljati.



Il-Faċċata tal-Knisja Parrokkjali tagħna li tlestiet 50 sena ilu. Għall-bini tagħha ħabrek ħafna biex jinġabru l-fondi Patri Felic Grima O.F.M. (Artiklu W.L. Zammit)

9. L-*Anġlu tal-Paċi*, Mejju 1927, pġ. 116, Mejju 1930 pġ. 115.
10. M. Catania op.cit.
11. *Annuario della Diocesi di Malta* Anno I, 1932 pġ. 434.
12. M. Catania op. cit.
13. Tagħrif mogħti lili minn Patri Ranjeru Zammit O.F.M. Cap.
14. Tagħrif miġbur minni.
15. *Annuario della Diocesi di Malta*, op. cit., pġ. 101 – 103.
16. Tagħrif mogħti lili minn Patri Marjan Vella O.F.M.
17. M. Catania op. cit. pġ. ??.
18. Tagħrif mogħti lili minn Patri Ranjeru Zammit O.F.M. Cap.
19. Ibid.
20. *Leħen is-Sewwa* 26 ta' Frar 1944.

**Winston L. Zammit B.A. (Hons.), M.A.**

**Manuel B Martin**

***PLUMBERS & ELECTRICIANS***

'MarJoe' Victor Court
Our Lady of Sorrows Str.,
Hamrun.
TEL: 221965

13/2 Leone Str
Sliema.
TEL: 511104

**VIDEO SHACK RENTING LIBRARY**

**AND**

**ALBERT OF JOE'S SALON**

**5 A, MANWEL DIMECH ROAD, SLIEMA**

**Telephone: 335657**